# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Gunju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Andre' Francois Buhagiar**

**Drogi Numru: 44/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Andre' Francois Buhagiar, ta' 39 sena, iben Joseph Buhagiar u Antonia xebba Caruana, imwieled gewwa Pieta' nhar it-13 ta' Lulju 1980, residenti fil-fond bin-numru 78, Triq San Gorg, Hal-Luqa u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 328880(M).

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Mejju 2015, u/jew fil-gimghat ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-

(a) Biegh, ittrasferixxa jew xorta ohra iddispona minn vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABL-684, bi ksur ta' ordni tal-Qorti ta' Malta (Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D) datata 27 ta' Lulju 2008, li permezz taghha kienet ipprojbixxietu milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli u/jew imobbli.[1]

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub

hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22B tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**